

Brussell, 4 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

9109/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2008/0140(CNS)**

---

**SOC 347**  
**ANTIDISCRIM 65**  
**MI 383**  
**JAI 623**  
**FREMP 143**

## **RAPPORT**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti / Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	9108/21 11531/08 - COM(2008) 426 final
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali – Rapport ta' Progress

---

## **I. INTRODUZZJONI**

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill bil-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjeg. Waqt li tikkomplementa l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-KE<sup>1</sup> f'dan il-qasam, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni; u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż l-akkomodazzjoni

---

<sup>1</sup> B'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE.

Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet laqgħet il-proposta fil-prinċipju, b'bosta minnhom japprovaw il-fatt li l-għan tagħha hu li tikkompleta l-qafas legali eżistenti billi tindirizza l-erba' raġunijiet ta' diskriminazzjoni kollha permezz ta' approċċ orizzontali.

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet affermat l-importanza tal-promozzjoni tat-trattament ugwali bħala valur kondiviż fl-UE. B'mod partikolari, diversi delegazzjonijiet issottolinjaw is-sinifikat tal-proposta fil-kuntest tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD). Madankollu, xi delegazzjonijiet kienu jippreferu dispożizzjonijiet aktar ambizzjużi fir-rigward tad-diżabilità.

Waqt li enfasizzaw l-importanza tal-għieda kontra d-diskriminazzjoni, fl-imgħoddi, xi delegazzjonijiet kellhom dubji dwar il-ħtieġa għall-proposta tal-Kummissjoni, li huma qisuha bħala vjolazzjoni tal-kompetenza nazzjonali għal ċerti kwistjonijiet u konfliġġenti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Xi delegazzjonijiet talbu wkoll kjarifiki u esprimew tħassib relatat, b'mod partikolari, man-nuqqas ta' ċertezza legali, it-tqassim tal-kompetenzi, u l-impatt Prattiku, finanzjarju u legali tal-proposta.

Żewġ delegazzjonijiet żammew riżervi ġenerali dwar il-proposta kif inhi.

Għalissa, id-delegazzjonijiet kollha żammew riżervi ġenerali ta' skrutinju dwar it-test.

CZ u DK żammew riżervi ta' skrutinju parlamentari. Waqt li appoġġat ir-riċerka għal kompromess, il-Kummissjoni affermat il-proposta oriġinali tagħha f'dan l-istadju u żammet riżerva ta' skrutinju dwar kwalunkwe bidla fiha.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fit-2 ta' April 2009<sup>2</sup> skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant tinħtieġ l-unanimità fil-Kunsill, wara l-*approvazzjoni* tal-Parlament Ewropew.

---

<sup>2</sup> Ara d-dok. A6-0149/2009. Alice Kuhnke (SE/ Grupp tal-Ħodor/Alleanza Hiesla Ewropea) inħatret Rapporteur mill-Parlament attwali.

## II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA PORTUGIŻA

Il-Presidenza Portugiża ppreżentat proposta ta' kompromess komprensiva li ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-28 ta' Mejju. Is-suġġerimenti ta' abbozzar tal-Presidenza<sup>3</sup> ffukaw fuq tliet kwistjonijiet pendenti ewlenin, jiġifieri: 1) *it-tħassib dwar is-sussidjarjetà*; 2) *il-kost li jirriżulta mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-diżabilità*; u 3) *iċ-ċertezza legali*.

Id-delegazzjonijiet taw *ir-reazzjonijiet preliminari* tagħhom, sakemm isir eżami ulterjuri tat-test il-ġdid. Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet laqgħu s-suġġerimenti ta' abbozzar tal-Presidenza u appoġġaw it-tentattiv imġedded biex jitwaqqaf l-istaġnar li ilu għaddej billi jiġu indirizzati t-tliet kwistjonijiet ewlenin. Delegazzjoni waħda ddikjarat li t-test tal-Presidenza ma indirizzax b'suċċess it-tħassib relatat mas-sussidjarjetà, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u l-implikazzjonijiet tal-kostijiet. Għadd ta' delegazzjonijiet, filwaqt li ddikjaraw ir-rieda tagħhom li jaħdmu lejn kompromess, wisew kontra kwalunkwe tnaqqis bla bżonn fil-livell ta' ambizzjoni fid-Direttiva. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni wissa wkoll kontra tali dilwizzjoni tat-test iżda madankollu ra mertu kbir fis-suġġerimenti ta' abbozzar tal-Presidenza bħala bażi għal aktar diskussjoni.

a) **Tħassib dwar is-sussidjarjetà (l-Artikoli 2(8), 3, 4a(2), u 7(1); u l-Premessi 11, 16, 17b, 17f u 17ga)**

Fis-suġġerimenti ta' abbozzar tagħha, il-Presidenza fittxet li tiċċara l-formulazzjoni tad-Direttiva sabiex tagħmilha kompletament ċara li tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali u ma tinterferix mad-disinn jew il-kontenut ta', b'mod partikolari, is-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali, il-liġi tal-familja u s-sistemi edukattivi. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni enfasizza li d-Direttiva proposta kienet tikkonċerna trattament ugwali, b'mod partikolari f'termini ta' aċċess, u ma setgħetx tirregola kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza nazzjonali.

---

<sup>3</sup> Dok. 8549/21.

Il-Grupp ta' Ħidma laqa' b'mod ġenerali l-bidliet issuġġeriti għat-test. Madankollu, delegazzjoni waħda esprimiet il-fehma li l-formulazzjoni l-ġdida naqset milli tiżgura r-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, inkluż b'mod speċjali fil-qasam tal-familja u l-ħajja privata. Oħrajn issottolinjaw l-importanza li jinstab il-bilanċ ġust bejn is-sussidjarjetà u l-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni sinifikanti kontra d-diskriminazzjoni permezz tal-liġi tal-UE. Ċerti delegazzjonijiet raw ukoll il-ħtieġa għal kjarifika ulterjuri tal-interazzjoni bejn il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni u d-drittijiet bħal-libertà tal-istampa.

**b) Kostijiet ta' implimentazzjoni (l-Artikoli 4, 4a u 4b, u Artikolu 15)**

Fis-suġġerimenti tagħha għall-abbozzar, il-Presidenza ssimplifikat id-dispożizzjonijiet ewlenin dwar id-diżabilità billi gabrahom taħt "akkomodazzjoni raġonevoli" u neħħiet l-artikolu separat dwar "l-aċċessibilità", filwaqt li speċifikat li d-dispożizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni dwar l-aċċessibilità jew l-akkomodazzjoni raġonevoli fir-rigward ta' oġġetti jew servizzi partikolari. Għalkemm l-akkomodazzjoni raġonevoli tibqa' obligu ċar bħala parti mill-prinċipju tat-trattament ugwali, ma għandhiex tikkawża piż sproporzjonat skont it-test. Barra minn hekk, il-Presidenza ssuġġeriet li l-Istati Membri jingħataw id-dritt, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li jindirizzaw talba motivata lill-Kummissjoni Ewropea għal eżenzjoni temporanja mir-rekwiżit li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli. Dan is-suġġeriment ifittex li jwieġeb għat-tħassib li ilu jeżisti espress mid-delegazzjonijiet rigward il-kost biex jiġu żgurati l-aċċessibilità tal-akkomodazzjoni u l-infrastruttura u ż-żmien meħtieġ biex isiru l-bidliet meħtieġa.

Filwaqt li l-Grupp ta' Ħidma laqa' b'mod ġenerali t-tentattiv tal-Presidenza biex tinstab triq 'il quddiem, xi delegazzjonijiet affermaw bil-qawwa l-ħtieġa li jinżammu dispożizzjonijiet ambizzjużi dwar id-diżabilità fit-test. Xi wħud esprimew dubji dwar it-tħassir tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibilità mill-parti operazzjonali tat-test, kif ukoll il-kompatibilità tal-eżenzjoni temporanja ssuġġerita mal-UNCRPD, li skontha għandha *dejjem* tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli sakemm ma twassalx għal piż sproporzjonat. Id-delegazzjonijiet għalhekk raw il-ħtieġa għal aktar riflessjoni estensiva dwar kwalunkwe mekkaniżmu ta' eżenzjoni temporanja possibbli, inkluż ir-raġunament tiegħu, il-modalitajiet speċifiċi li japplikaw, u l-kriterji li jeħtieġ li jintlaħqu meta tintalab eżenzjoni temporanja.

(c) **Ċertezza legali (l-Artikolu 1, Artikolu 2(2, 7 u 7a), Artikolu 4a(4 u 5) u Artikolu 12(3); u l-Premessi 19ca, 19cb, 19cc, 19d u 20-aa)**

Fis-suġġerimenti ta' abbozzar tagħha, il-Presidenza fittxet li ttejjeb iċ-ċertezza legali billi tiċċara ċerti kunċetti jew tneħħihom mit-test. Pereżempju, il-kunċett ta' diskriminazzjoni multipla għie ċċarat bl-introduzzjoni ta' formulazzjoni ġdida li tiddekrivi u tispeċifika l-kombinazzjoni possibbli ta' raġunijiet taħt il-kunċett, u b'hekk, tirrifletti b'mod aktar strett il-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tad-Direttiva li qed tiġi diskussa. Ir-referenzi għal "diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni", diġà koperti mill-każistika tal-QĠUE, u "diskriminazzjoni b'suppożizzjoni" tneħħew.

Filwaqt li l-Grupp ta' Ħidma laqa' t-tfittxija għal ċarezza legali mtejba, xi delegazzjonijiet esprimew dubji dwar it-tħassir tad-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni u d-diskriminazzjoni b'suppożizzjoni mit-test. Għie ssuġġerit li jiġu esplorati soluzzjonijiet oħra, inkluż referenza possibbli għall-każistika rilevanti tal-UE fil-premessi.

(d) **Kwistjonijiet oħra**

Għadd ta' kwistjonijiet oħra ser jeħtieġu wkoll aktar diskussjoni. Dawn jinkludu d-delineazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni (inkluż is-sussidjarjetà fil-kuntest tal-protezzjoni soċjali); dispożizzjonijiet dwar il-possibbiltà ta' differenzi ta' trattament ġustifikati oġġettivament abbażi tal-età jew ta' kundizzjoni tas-saħħa; u t-terminoloġija li għandha tintuża fil-kuntest ta' azzjoni pożittiva, inkluż trattament "preferenzjali" vs. "differenzjali" u t-terminu "gruppi protetti".

### III. KONKLUŻJONI

Matul il-Presidenza Portugiża sar progress tanġibbli fil-kwistjonijiet diskussi. Filwaqt li l-abbozz ta' suġġerimenti tal-Presidenza ntlqa' b'mod ġenerali mill-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet, ser tkun meħtieġa aktar ħidma teknika u diskussjoni politika qabel ma tkun tista' tintlaħaq l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill.